MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2639/2000/1

**Anna Marie Navarro**
**vs**
**Hilton International Malta Limited**

Il-Qorti,
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici, wara li ppremettiet: illi l-attrici qabel ma inbeda t-twaqqiegh tal-Lukanda Hilton l-antika kienet impjegata mal-Kumpanija konvenuta Hilton International (Malta) Limited bhala Segretarja tal-Manager inkarigat minn Sales & Marketing u dan kif anke jirizulta minn Dokument A;

Illi kien sar ftehim mal-General Workers Union datat 16 ta' Novembru 1995 li permezz tieghu il-haddiem li ma jigux issekondat ma' ditti ohra, jigu sospizi anzi dikjarati "redundant" mill-impjieg taghhom u wara l-bini tal-lukanda l-gdida jergghu jigu impjegati f'posizzjoni kemm jista jkun possibli vicina ghal dik li huma kienu jokkupaw qabel dan it-temm tal-impjieg – Dokument B huwa kopja tal-ftehim;

Ili fil-fatt dan il-ftehim sar anke bil-fomm personalment mal-attrici – il-personnel manager (Anton Cremona) li ghan-nom tad-ditta konvenuta assuma dan l-istess obbligu indikat fil-ftehim fuq indikat, lill-attrici;

Ili a bazi ta' din il-wedgha l-attrici baghtet l-ittra ta' rizenja taghha liema ittra qed tigi annessa bhala dokument C datata 2 ta' Jannar 1996;

Illi in segwitu tal-istess ittra ta' rizenja id-ditta konvenuta harget Discharge Certificate li qed jigi anness bhala Dok D;

Illi fil-gurnal The Times of Malta f'Mejju 1999 hargu zewg avvizi li ghamlu sejha ghal applikazzjonijiet ghal "top calibre Secretaries" li kien appuntu jikkorrispondi mal-impieg li kellha l-attrici Dok E;

Illi immedjatament l-attrici kitbet lil kumpanija ittra datata 4 ta' Mejju 1999 (Dok F) li permezz taghha fakkret lill-konvenuti li hi kienet permezz tal-ftehim milhuq iriteniet id-dritt taghha li terga tirritorna lura tahdem mal-lukanda f'posizzjoni kemm jista jkun simili ghal dik li kellha qabel; hi ma ircevietx risposta ghal din l-ittra u ghalhekk bghatet ittra ta' tifkira (Dok G);

Illi dawn iz-zewg ittri gew meqjusa bhala applikazzjoni ghall-impjieg u fil-fatt l-attrici irceviet l-ittra datata 24 ta' Awissu 1999 li qed tigi markata dok H;

Illi wara din l-ittra l-attrici irceviet ittra minghajr data li qed tigi annessa bhala Dok I u li l-kontenut taghha mhuwiex daqtant car – aktar u aktar meta wiehed iqis li skond il-ftehim li kellha l-attrici hi gia kienet irrizenjat mill-impjieg taghha wara l-obbligu li kienet assumiet id-ditta konvenuta; l-ittra donnha kienet intiza ghal dawk il-hadiema li kienu baqghu mal-kumpanija li pero kienu gew sekondati ma' ditti ohra fit-Tumas Group;

Illi l-konvenuti cemplu lill-attrici li wiegbet it-telefonata b'ittra (Dok J u K) wara l-attrici attendiet intervista fejn giet mgharrfa li l-post ta' segretarja ma kienx ghadu jezisti –

minflok hi giet offruta post ta’ telephone operator li huwa xoghol ferm u ferm differenti minn dak li hi kienet twettaq qabel ma irrizenjat (Dok L hija ittra tal-hatra datata 31 ta’ Jannar 2000). L-attrici qatt ma acettat jew bdiet f’dan ix-xoghol fil-fatt qatt ma iffirmat biex tikkonferma il-hatra;

Illi fil-31 ta’ Jannar 2000 stess u qabel ma irceviet l-ittra (Dok L) l-attrici tkellmet ma Noel Vincent De Munck li staqsiha (minghajr ma ghamel offerta) jekk kenitx interressata f’hostessing jew reception work – l-attrici irrispondiet fl-affermattiv;

Illi l-attrici wara irceviet ittra (Dok M) datata 29 ta’ Frar 2000 li permezz taghha giet infurmata li x-xoghol li hi fil-fatt qatt ma accettat u qatt ma bdiet gie terminat;

Illi in vista ta’ dan l-attric permezz tal-legali taghha baghtet ittra (Dok N) datata 2 ta’ Gunju 2000 li ghaliha irceviet risposta datata 14 ta’ Gunju 2000 minn ghand l-avukat tal-konvenuti (Dok O) li kienet tghid li l-attrici qabel ma giet offruta il-posizzjoni ta’ telephone operator, kienet giet offruta posizzjoni amministrattiva li hi kienet irrifjutat. Dan fil-fatt ma kienx minnu peress li l-uniku posizzjoni offruta lill-attrici kienet dik ta’ telephone operator;

Illi l-attrici ma kenitx tirrizenja minn mad-ditta konvenuta kieku din ma obbligatx ruhha li terga timpjegaha f’posizzjoni kemm jista’ jkun simili ghal dik li kellha. L-ittra Dok. O tikkonferma dan l-impenn;

Illi l-konvenuti naqsu mill-obbligi li assumew versu l-attrici;

Illi minhabba din l-inadempjenza l-attrici sofriet u ghadha qed issofri danni;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:
1. Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara li l-konvenuti ikkawzaw danni lill-attrici meta naqsu li jonoraw l-obbligu assunt minnhom u li in vista tieghu l-attrici kienet irrizenjat minn mad-ditta konvenuta u ghalhekk tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kagunati lill-attrici;

2. Tillikwida d-danni kawzati lill-attrici;
3. Tordna u tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas lill-attrici dak l-ammont kif likwidat minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri bonarji u bl-interessi mid-data tar-rizenja tal-attrici fit-2 ta' Jannar 1996 sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenuti ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet: Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li assolutament mhuwiex minnu li s-socjeta eccipjenti kisret xi kundizzjoni fil-ftehim indikat mill-attrici fl-atti tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi; illi in konsiderazzjoni ta' dan is-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma kkawzat danni lill-attrici u b''ekk lanqas ma tista' tinzamm responsabbli ghad-danni allegattament sofferti mill-istess attrici; Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsiderat:

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi rrizultaw inkontestati s-segwenti fatti. Illi qabel il-5 ta' Jannar 1996 l-attrici kienet impjegata mas-socjeta' konvenuta fil-Lukanda Hilton [l-antika], inizjalment bhala telephone operator u sussegwentement kienet giet promossa ghal grad ta' segretarja mal-Manager fis-sezzjoni tas-Sales & Marketing fejn damet f' dan il-post ghal circa sentejn u nofs.

Illi peress li gie pjanat li fis-sena 1995 il-lukanda titwaqqa' biex terga tinbena mill-gdid, kien sar ftehim bejn il-Kumpanija konvenuta u l-General Workrers Union li permezz tieghu l-haddiema setghu jaghzlu tlett opzjonijiet. Wahda minnhom kienet kontenuta fil-klawsoli 3 u 4 u

bazikament kienet tikkonsisti filli l-impjegati jitterminaw l-impieg taghhom bil-kondizzjoni li s-socjeta' konvenuta terga' timpjegahom fil-lukanda il-gdida u "as far as possible, utilise such employees in the new hotel, in the same trade or position previously held taking due account of the operational requirements of the new hotel."[1]

Illi l-attrici fil-fatt ghazlet din l-opzjoni u s-socjeta' konvenuta accettat, bir-rizultat li fit-2 ta' Jannar 1996 hija kitbet ittra[2] lil Personel Manager, fejn wara li nformatu li kienet qeda tirrizenja mill-post taghha "due to temporary ceasing of operation by Hilton International" zammet id-dritt li terga' tidhol fl-impieg malli tibda topera il-lukanda Hilton il-gdida. Fil-5 ta' Jannar 1996 il-Manager taghha kkonsenjalha ittra ta' rakkomandazzjoni[3] fejn, fost affarijiet ohra, wara li ccertifika li matul is-sentejn u nofs li damet tahdem bhala segretarja fid-dipartiment tas-Sales & Marketing *"she carried out her duties very well"* kkonkluda li *"I would not hesitate to recommend Ms. Navarro as Secretary to any firm."*

Illi sussegwentement u precisament fil-5 ta' Mejju 1999 l-attrici qrat avviz fuq il-gazzetta The Times mahrug that il-logo Hilton Malta, li permezz tieghu wara li nforma li l-lukanda l-gdida Hilton Malta ser tiftah fl-ahhar erba xhur tas-sena 1999, sejha ghall-applikazzjonijiet ghal *"top caliblre* ***SECRETARIES"*** [ut sic] biex jahdmu fid-diversi sezzjonijiet hemm indikati fosthom *Sales & Marketing – Previous related experience in 4 or 5 Star hotels or the travel industry is preferred."*[4] Konsegwentement l-attrici kitbet lill-kumpanija u eventwalment sar kuntatt maghha.

Illi minn dan l-istadju l' quddiem il-versjonijiet tal-partijiet jikkontrastaw f' aspetti importanti u senjatament it-tip ta' impieg li allegatament gie offrut lill-attrici. L-attrici sostniet li meta kellmet lill-persuni nkarigati, dawna nformawha li ma kienx hemm post li kien "purely secretarial in nature" u offrewla l-post ta' Telephone Operator. Fuq paga ma sar

[1] Dok.B Fols.8-9
[2] Dok.C Fol.12
[3] Dok.A Fol.6
[4] Dok.E Fol.14

ebda diskors. L-attrici minn naha taghha irrifjutat mal-ewwel dan il-post a bazi tal-fatt li dan kien fi skala ferm inferjuri ghal dak ta' Segretarja post li kienet tokkupa qabel u li kienet ilha tokkupaha ghal sengtejn u nofs. Hija sostniet li skond il-konvenzjoni fuq indiakata il-kumpanija kellha l-obbligu terga ddahhlha fl-impjeg f' post simili ghal dak li kellha qabel.

Illi l-ufficjali tal-kumpanija minn naha taghhom sostnew li inizjalment huma kienu offrewlha il-post ta' Business Centre Co-ordinator li huwa kkunsidrat bahal grad aktar oghla minn dak li kellha qabel u eqreb ghax-xoghol li kienet taghmel qabel, izda skond huma dina rrifjutat dan il-post peress li dan kien jirrikjedi li tahdem wara l-hinijiet normali tax-xoghol u anke fil-weekends. Skond in-naha konvenuta kien wara li l-attrici rrifjutat dan il-post li gie offrut lilha il-post ta' Telephone Operator li kien ukoll jinvolvi funzjonijiet amministrattivi; izda l-attrici baqghet ma accettatx.

Konsegwentment fil-31 ta' Jannar 2000 il-Human Resources Manager baghat ittra lill-attrici fejn in sostanza informaha hekk: *"I confirm your position will be that of Telephone Operator and you are requested to report for work on the first day at 09.00 AM"*[5] Wara li l-attrici naqset li tirripsondi ghal din l-ittra u naqset milli tattendi ghax-xoghol fil-hin indikat l-istess ufficjal, baghtilha ittra ohra fejn informaha li l-impieg taghha kien qed jigi terminat b' effett immedjat.[6]

Illi l-attrici minn naha taghha cahdet kategorikament li kienet saritilha din l-offerta ta' Business Centre Co-ordinator. "At no point was I offered that post…..Xejn ma gejt offruta, definitely. I would have taken it. Jien zammit id-dritt halli jekk nigi offruta job simili, jien nkun nista' niehdu." Hija cahdet li kienet sabet diffikulta' li tahdem wara l-hinijiet tax-xoghol u fil-weekends, u qalet li hija persuna "single", tfal m' ghandhiex u il-genituri taghha mejtin u ma ghandha ebda commitments li jorbtuha u jfixluha li tahdem tard filghaxija jew fil-weekends.

5 Dok.L Fol.24
6 Dok.M Fol.25 – sottolinear tal-Qorti

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti wara ezami tal-provi hija propensa li taghti affidament lill-versjoni attrici, fis-sens li tikkunsidera li mhux minnu li dina kienet originarjament giet offruta il-post ta’ Business Centre Co-ordinator. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet li jghatu aktar kredibilita’ lill-attirci u grad gholi ta’ versomiljanza lit-tesi taghha.

1.Illi mill-provi jirrizulta car li l-attrici kienet sodisfatta bil-post li kellha mas-socejta’ konvenuta qabel is-sena 1996 u kienet ukoll sodisfatt bix-xoghol li kienet taghmel. Dan jirrizulta principalment mill-fatt li hija kienet ghazlet l-opzjoni li kienet tippermettilha terga’ tidhol fl-impieg mal-istess socjeta’ u taghmel l-istess xoghol jew xoghol simili. Tant li in forza tal-istess ftehim [opzjoni] kienet irrinunzjat ghat-termination benefit.

2.Illi jidher car ghal din il-Qorti li l-attrici hija persuna li taghti priorita’ ghal grad fix-xoghol taghha u ghan-natura tax-xoghol li taghame, u l-aspett finanzjarju jigi wara. Dan jispjega ghaliex hija rrifjutat mal-ewwel l-offerta ghal-post ta’ Telephone Operator, u jispejga ghaliex il-Qorti hija konvinta li kieku verament il-post ta’ Business Centre Co-ordinator kien gie offrut lilha hija kienet taccettah minnufih. Wara kollox, kif irrilevat l-attrici fix-xhieda taghha, ir-raguni ghaliex hija ghazlet dik l-opzjoni kien proprju peress li hija riedet terga’ tidhol fl-istess xoghol jew xoghol simili mal-kumpanija konvenuta, u ghalhekk hija rrazzjonali f’ dawn ic-cirkostanzi li l-attrici tirrifjuta xoghol fi grad ahjar milli kellha.

3.Illi inoltre il-Qorti tosserva li hija ferma inverosimili t-tesi li f’ lukanda ta’ dik id-dimensjoni u reputazzjoni, bhal ma hi l-Hilton Malta ma hemmx post li jinvolvi xoghol segretarjali. Inoltre l-avviz ghal *“top caliblre* ***SECRETARIES”*** fuq indikat, ikompli jimmina din it-tesi tal-konvenuti.

Illi l-ittra[7] mibghuta mill-Human Resources Manager fejn informa lill-attrici li "I confirm that your position will be that of Telephone Operator.." taghti grad qawwi ta' kredibilita' lill-attrici u timmina serjament it-tesi tal-konvenuti li dawna kienu offrewlha il-post ta' Business Centre Co-ordinator. Id-domanda li logikament timponi ruhha f' dan ir-rigward hija din: jekk verament dan il-post kien gie offrut lill-attrici u dina minghajr raguni legalment valida ma accettatux, allura ghaliex il-Human Resource Manager minflok ma kkonfermaha f' dan il-post, ikkonfermaha f' post – dak ta' Telephone Operator - li kienet pienament gustifkata li ma taccettax ? Wara kollox, skond huma, hija rrifjutat z-zewg postijiet; izda la darba il-Manager hass li xorta wahda kellu bil-miktub joffrilha post kien ikun izjed logiku u fit-termini tal-konvenzjoni fuq citata, li jikkonfermaha f' post aktar oghola milli kellha qabel u li jinvolvi xoghol eqreb ghal dak li hija kienet taghmel precedentement.

Dwar dan l-aspett huwa relevanti dak li qal l-istess Human Resource Manager fil-parti konklusiva tax-xhieda tieghu u cioe' li: "fl-ahhar mill-ahhar ma rridux ninsew li decizjoni tal-Management hija wiesgha f' dan l-iskop. Jigifieri ahna ghandha l-Management discretion li certu posizzjonijiet, avolja jkun hemm iktar minn kandidat wiehed jew kanditata wahda, naghmlu l-ghazla taghna …. Dak huwa parti mid-dmir taghna. Jigifieri dak importanti hafna".[8]

In propositu l-Qorti tirrileva li, ghalkemm dan huwa kollu minnu u jifforma parti integrali mid-dmirijiet ta' Manager, izda din id-diskrezzjoni, fil-kaz odjern, hija soggetta ghat-termini tal-ftehim konvenut bejn ir-rapprezentanti tas-socejta' konvenuta u r-rapprezentanti tal-impjegati u li gie accettat mill-partijiet kollha. B'mod li l-ewwel priorita' tinghata lill-impjegati precedenti li ghazlu l-opzjoni 4 u jsir kull sforz possibbli biex dawn jigu riallokati skond it-termini tal-istess ftehim.

Fil-kaz tal-attrici din id-diskrezzjoni m' ghandhiex tigi applikata b' mod negattiv fil-konfront taghha nonostante l-eta' taghha; wara kollox skond it-termini tar-

[7] Dok.L - supra
[8] Deposizzjoni Ray Bonnici fol.81

rakkomandazzjoni tal-Manager li tieghu kienet segretarja, ix-xoghol taghha kien sodisfacenti hafna.

*Eccezzjonijiet*
Illi l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li "assolutament mhux minnu li s-socjeta' eccepjenti kisret xi kundizzjoni fil-ftehim"[9] u fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha l-abbli difensur tas-socjeta' konvenuta spjegat li skond il-ftehim ma kienx hemm xi obbligu assolut da parti tal-konvenuti, li skond l-opzjoni maghzula mill-attrici, dawna kellhom joffrulha xoghol simili. Id-difensur emfasizzat li dan l-obbligu kien kondizzjonat bil-kliem *"as far as possible"* u *"taking due account of the operational requirements of the new hotel".* Hija spjegat fid-dettal l-import legali ta' dawn it-termini. Spjegat wkoll li l-attrici kienet giet offruta job ta' Business Centre Co-ordinator.

In propositu l-Qorti tirrileva li fl-ewwel lok hija tikkonsidera inveritiera l-allegazzjoni maghmula mix-xhieda tal-konvenuta li dan il-post kien verament gie offrut lill-attrici. Fit-tieni lok, kif fuq indikat, mhux accettabbli ghal din il-Qorti li fil-lukanda ma kienx hemm xoghol ta' natura segretarjali. Huwa f' dan il-kuntest li l-agir tal-kumpanija fil-konfront tal-attrici ghandhu jigi valutat u jigi ezaminat jekk jivvjolax il-ftehim milhuq u li fuqu l-attrici kienet hadet il-pass li tittermina l-impieg taghha. Il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet giet offruta post wiehed biss u li kien hafna inferjuri fil-grad ghal dak li kellha qabel, u n-nuqqas tas-socejta' konvenuta li tipprovdilha post alternattiv u li jinvolvi xoghol ta' natura segretarjali, jikkostitwixxi ksur tal-klawsola 3 u 4 tal-ftehim. Illi mill-provi migjuba, il-Qorti mhix sodisfatta li minnn-naha tas-socjeta' konvenuta sar dak kollu possibbli biex tigi akkomodata l-attrici skond l-opzjoni maghzula – prova li l-oneru taghha kien jirrisjedi unikament fuq il-konvenuti.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija insostenibbli, filwaqt li t-tesi tal-attrici, li fil-konfront taghha s-socjeta' konvenuta naqset milli tadempixxi l-obbligu taghha naxxenti mill-ftehim preicata, hija sostnuta mill-provi.

[9] Fol.32

**Danni**

Illi dwar dan l-aspett, il-Qorti tirrileva li l-azzjoni odjerna hija azzjoni ghad-danni naxxenti mill-inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenuta. L-attrici mhix qeda titlob l-esekuzjoni primarja da parti tas-socjeta' konvenuta tal-obbligi taghha, izda qeda titlob il-hlas tad-danni konsegwenzjali ghal din l-inadempjenza, u konformament ma' din it-talba prezentat prospett[10] indikanti d-danni sofferta minnha u konfermat u spjegat minnha fid-deposizzjoni taghha.[11]

Illi il-principju baziku legali li ghandu jiggverna dan l-aspett tal-vertenza in disamina huwa li persuna, naturali jew legali, ghandha twiegeb ghad-danni li tikkaguna minhabba agir illegali dan parti taghha, inkluz ghalhekk vjolazzjoni ta' obbligu konvenzjonali. Dawn id-danni ghandhom ikunu konsegwenzjali ghall-agir illegali, fis-sens li jkun hemm rapport jew nexus ta' kawza u effett bejn l-agir illegali u d-danni reklamati. Fi kliem iehor, id-danni biex jigu reklamati b' success ghandhom ikunu konsegwenza tal-att illegali. Dawn il-principji bazici ghandhom relevanza specifika ghal kaz odjern, stante li kif jirrizulta mill-provi, id-danni li qed jigu rekalmati mill-attrici ma jistghux jitqiesu, fit-totalita' taghhom, bhala konsegwenza tan-nuqqas da parti tas-socejta' konvenuta li tonera il-ftehim.

Illi mill-prospett esebit jirrizulta li l-attrici qeda tippretendi li d-danni li sofriet jigu likwidati fl-ammont komplessiv ta' Lm4,402.85: rapprezentanti in kwantu ghal Lm.2,536.10 paga relattiva ghall-perijodu mis-6 ta' Jannar 1996 sad-9 ta' Settembru 1996; Lm204.75 u Lm162.00 national insurance contributions u bonuses ghall-istess perijodu; u Lm1,500 termination benefit ghal-perijodu ta' hames xhur.

Rigward l-ammont ta' Lm2,536.10 l-attrici spejgat li dan jirrappresenta paga bazata fuq Lm72.46 fil-gimgha ghal perijodu li fih damet bla job, mid-data tat-terminazzjoni tal-impjeg taghha fil-Hilton l-antika sad-data li fiha eventwalment kienet sabet job iehor: b' kollox qed

---

[10] Fol.55
[11] Dep.5 ta' Marzu 2002 – fol.56 *et seq.*

tippretendi paga ta’ 35 gimghat, maghduda wkoll in-national insurance contributions u l-bonuses ghall-istess perijodu. In propositu l-Qorti, tikkondividi pienament l-l-argumenti tal-konvenuti fis-sens li, stante li f’ dan il-perijodu l-Kumpanija kienet waqfet topera u fil-fatt kien gie terminat l-impieg tal-attrici, allura mhux legalment validu l-argument li l-attrici sofriet danni konsistenti f’ telf ta’ paga f’ dan il-perijodu. Kif ssottomettiet korrettament id-difensur tal-konvenuta din is-somma li qed tippretendi l-attrici “kellha tigi inkorsa mill-attrici indipendentement mill-fatt jekk is-socejta’ konvenuta oneratx il-ftehim jew le.”[12] L-istess japplika ghall-NI u l-bonuses, dejjem relattivi ghall-perijodu indikat mill-attrici.

Inoltre, il-Qorti tosserva li meta l-attrici ghazlet l-opzjoni de quo, u accettat li tittermina l-impjeg taghha fid-5 ta’ Jannar 1996, is-socjeta’ konvenuta ma ghamlet ebda restrizzjoni fuq l-attrici li rrestringietha milli fil-frattemp issib job iehor, *albeit* provvisorjament. Ghal kuntrarju, il-Manager taghha kkonsenjalha ittra ta’ rakkomandazzjoni ferm posittiva intiza principalment ghal dan l-iskop! Fi kliem iehor ma kien hemm xjen legalment li josta lill-attrici li f’ dan il-perijodu ssib job iehor biex tghin ruhha fiz-zmien li l-operat tal-lukanda kien wieqaf, u l-fatt li skond ma xehdet l-attrici dan ma kienixt ghamlitu ghax “jien bqajt committed li mmur maghha [u allura] I found it unethical li nahdem ma competitor”[13] kienet ghazla taghha li bl-eda mod ma kienet imposta mill-konvenuta.

Mill-premess ghandu jirrizulta car li s-socjeta’ konvenuta m’ ghanhdiex thallas dawn l-ammonti, stante li ma jirrizulta ebda nexus bejn in-nuqqas taghha u s-sommom fuq indikati.

Illi rigward l-ammont ta’ Lm1,500 rappresentanti termination benefits ta’ hames xhur, bazati fuq paga settimanali ta’ Lm72.46, il-Qorti tosserva li l-posizjoni hija differenti minn dik precedenti. Mill-ftehim fuq indikat jirrizulta li skond l-opzjoni kontemplata fil-klawsola numru 5, l-impjegati setghu jirrizenjaw u jiehdu somma

[12] Fol.123
[13] Fol.57

ekwivalenti ghal darbtejn daqs il-paga ta' xahar minghajr ma jkollohom id-dritt li jergghu jmorru lura ghax-xoghol. Sussegwentment dan il-beneficju kien gie estiz ghal hames xhur[14] u cioe' termination benefit ta' hames xhur paga.

Din kienet id-differenza bejn din l-opzjoni u dik maghzula mill-attrici. Ghalhekk meta l-attrici kienet ghazlet l-opzjoni li tirrizenja mill-impjeg taghha u zzomm id-dritt ta' reinstatement, hija tilfet it-termination benefit kontemplat fil-klawsola numru 5 akkordat ghal min ghazel din l-opzjoni.

Illi ghalhekk il-ksur tal-ftehim da parti tas-socejta' konvenuta, mhux biss tellef lill-attrici mill-impieg taghha fil-lukanda l-gdida, izda wkoll tellifha t-termination benefit li hija kienet irrinuzjat ghalih <u>bil-kondizzjoni ta' reinstatement</u>. Ghaldaqstant mhux validu l-argument tal-konvenuti li, la darba hija kienet irrinunzjat ghal dan il-beneficju allura ma ghandhiex dritt ghalih; ghax ir-rinunzja ta' dan il-beneficju kienet kondizzjonata ghall-obbligu tas-socejta' konvenuta li terga' timpjegaha fl-istess xoghol jew f' xoghol simili. Fi kliem iehor, <u>mhux korrett li s-socejta' konvenuta tipprova tusufruwixxi ruhha minn ftehim u ggibu favur il-kawza taghha, liema ftehim hi stess ma onoreratx skond il-ligi</u>.

Inoltre, il-ksur tal-obbligu tal-konvenuta, poggiet lill-attrici fl-istess posizzjoni tal-impjegati li kienu ghazlu l-opzjoni 5 u li ghalhekk huwa gust u legali li t-termination benefits li hadu dawn l-impjegati jkunu disponibbli wkoll lill-attrici, u dana <u>in linea ta' danni</u> stante li jirrapprezentaw il-hsara finanzjarja li l-attrici verament sofriet rizultat tan-nuqqas tal-konvenuti.

Ghaldaqstant il-Qorti qeda tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici fl-ammont ta' elf u hames mitt lira maltin [Lm1,500].

---

[14] Dok.I

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, tiddikjara li l-konvenuti kkagunaw danni lill-attrici meta naqsu li jonoraw l-obbligu assunt minnhom kif fuq indikat, u li huma responsabbli ghal-dawn id-danni; tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta’ ***elf u hames mitt lira maltin [Lm1,500]*** u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas din is-somma ta’ Lm1,500 bl-imghax legali mis-6 ta’ Jannar 1996 sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjez kif mitluba a kariku tas-socejta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------